# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2019**

**Numru 8**

**Ċitazzjoni numru 710/05 SM**

**Maria Conċetta *sive* Mari armla ta' Colin Shires f'isimha u f'isem binha Tristan Shires u kif ukoll Michelle Shires**

**v.**

**Joseph Bonello u b'digriet tat-23 ta' Ottubru, 2018, stante l-mewt ta' Joseph Bonello l-Qorti ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem martu Antoinette Bonello; u Vincent Bonello**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attriċi *proprio* u *nomine* minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Diċembru, 2013, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni

tas-sentejn imqajma mill-intimati u b'hekk ċaħdet fil-mertu t-talbiet attriċi dwar il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni pretiżi mill-atturi minħabba l-ħruġ kontrihom ta' mandat kawtelatorju matul is-smigħ ta' kawża;

2. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi ikkunsidrat kif ġej:

> "*11.0. Illi l-fatti li wasslu ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament riassunti bil-mod segwenti:*
>
> *"11.1. Illi l-origini tas-saga gudizzjarja riskontrata taf l-origini taghha ghall-kawza li missier l-attrici u l-konvenuti odjerni kienu intavolaw fl-1983 kontra l-attrici odjerna u zewgha, illum mejjet, (ara fol 6);*
>
> *"11.2. Illi l-eventwali kawza introdotta kontra l-attrici odjerna u zewgha indikata fil-paragrafu precedenti kienet biex dawn ihallsu lil missier l-attrici odjerna l-valur intrinsiku ta' oggetti tad-deheb u oggetti ohra prezzjuzi valutati komplessivament fl-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00);*
>
> *"11.3. Illi dik il-procedura kienet mehtiega biex missier l-attrici odjerna jithallas tal-oggetti de quo li kien ikkonsenjalha bl-intiza li dawn kellhom ihallsuh meta jbieghuhom;*
>
> *"11.4. Illi meta missier l-attrici odjerna intavola l-kawza fuq riferita, ghalkemm agixxa f'isem il-komunjoni tal-akkwisti, dak iz-zmien ma kienx hemm il-htiega li martu tippartecipa bhala ko-attrici fl-istess kawza;*
>
> *"11.5. Illi l-kawza hekk introdotta minn missier l-attrici fl-1983 fuq riferita, (ara paragrafu numru hdax punt wiehed, (11.1.), aktar qabel), kienet deciza fil-21 ta' Marzu, 2005, u l-ezitu kien favur l-attrici odjerna u zewgha, (ara fol 6);*
>
> *"11.6. Illi tul il-procedura fuq hekk riferita inhargu wkoll il-mandati meritu ta' din il-procedura;*
>
> *"Ikkonsidrat:*
>
> *"12.0. Illi f'dan ir-rigward, preliminarjament waqt li atturi qed jitolbu d-danni, il-konvenuti qed jecepixxu l-preskrizzjoni, (ara paragrafu numru tnejn punt tlieta, (2.3), aktar qabel);*
>
> *"12.1. Illi l-artikli tal-Kodici Civili citati mill-konvenuti huma is-segwenti:*

*"12.1.1. L-artiklu 2153 u*

*"12.1.2. L-artiklu 2156 (d) u (f);*
*"12.2. Illi l-artiklu 2153 tal-Kap 16 jghid is-segwenti:*

> *"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn";*

*"12.3. Illi l-artiklu 2156 tal-Kap 16 jistabbilixxi li l-azzjonijiet hawn elenkati jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames (5) snin:*

> *"(d) "L-azzjonijiet ghall-hlas ta' imghaxijiet ta' somom mehuda b'self jew taht titolu iehor, u in generali, ta' dak kollu li jithallas bis-sena jew kull tant zmien iehor aqsar minn sena";*
>
> *(f) "L-azzjoni ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku";*

*"12.4. Illi nonostante dak rilevat fin-nota tal-eccezzjonijiet, (ara fol 36), l-istess konvenuti irrinunzjaw ghall-eccezzjoni sollevata taht l-artiklu 2156 fuq citata, (ara fol 276);*

*"Ikkonsidrat:*

*"13.0. Illi fir-rigward tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq citat ghandu jinghad is-segwenti:*

*"13.1. Illi l-kontendenti jaqblu li ai termini tal-artiklu 2137 tal-Kap 16, il-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dak inhar li tkun tista' tigi ezercitata l-azzjoni;*

*"13.2. Illi fejn il-kontendenti ma jaqblux hu rigward id-data minn meta jibda jghodd il-perjodu in dizamina;*

*"13.3. Illi f'dan ir-rigward:*

*"13.3.1. L-atturi jsostnu li l-punctum temporis ghandu jkun il-21 ta' Marzu, 2005 – id-data tas-sentenza Bonello vs Shires, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel);*

*"13.3.2. Illi l-konvenuti jsostnu s-segwenti:*

*"13.3.2.i. In kwantu ghad-danni ikkagunati imhabba l-impediment ta' partenza 1856/83: dan ghandu jibda mis-7 ta' Dicembru, 1983, meta inhareg;*

*"13.3.2.ii. In kwantu ghad-danni ikkagunati minhabba n-nuqqas ta' possibilita` ta' uzu ta' xi deheb li kellu jigi depozitat biex tinhareg*

*garanzija bankarja: dan ghandu jibda mid-data tal-istess impediment tas-safar cioe`, is-7 ta' Dicembru, 1983.*
*"Ikkonsidrat:*

*"14. Illi fir-rigward taqbel mal-kontenzjoni tal-konvenuti li jiccitaw il-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs Angelo Xuereb nomine, tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, datata t-3 ta' Lulju, 2003**, li tistabbilixxi:*

> *"Ghar-rigward ta' kull terminu ta' preskrizzjoni, jinghad in linea ta' principju li z-zmien jibda jghodd minn dak inhar tal-incident u mhux mid-data li fih il-persuna sar jaf li sofra danni; id-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi, allura, determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara, (ara **Scicluna vs Tracey**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta' Gunju, 1900, (Vol. XVII.1.15), u **Caruana vs Runza**, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju, 1999)";*

*"15. Illi in effetti, l-istess artiklu 2137 fuq riferit, (ara paragrafu numru tlettax punt wiehed, (13.1), aktar qabel), jistabbilixxi bi kjarezza li:*

> *" … il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata …";*

*"16. Illi ghalhekk l-impossibilita` li wiehed jagixxi trid tkun wahda indipendenti mill-volonta` tieghu, estranea minnu u impossibilita` li ma jkunx jista' jirrimwovi, (ara **Lapira vs C&A Company Limited tat-2 ta' Gunju, 2003, tal-Qorti ta' l-Appell**);*

*"Ikkonsidrat:*

*"17. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku li la l-mandati ta' sekwestru u t'impediment ta' safar kienu inoltrati fl-1983, allura l-attrici setghet tirribattihom immedjatament u mhux thalli jghaddi dan iz-zmien kollu, (tnejn u ghoxrin (22) sena), biex tindirizzhom;*

*"18. Illi di piu`, ghandu jigi wkoll sottolineat li l-istess attrici ghandha d-dover li timminimizza d-danni riskontrati u mhux thallihom jakkumulaw fis-silenzju biex tiskatta sorpriza procedurali meta jidhrilha li jkun opportun;*

*"19.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenuti ippruvaw l-eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna a bazi tal-artiklu 2153 tal-Kap 16. . . "*;

3. Fir-Rikors tal-Appell imressaq minnhom fl-20 ta' Diċembru, 2013, l-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti") lmentaw li l-ewwel Qorti qieset biss dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bla ma daħlet biex tqis il-

mertu. Għalhekk talbu li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata billi tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni, u jekk ikun il-każ tgħaddi biex tiddeċiedi l-mertu u tilqa' t-talbiet tagħhom jew,inkella li tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tiddeċiedi l-mertu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati;

4. Fir-Risposta tal-Appell imressqa minnhom fid-9 ta' Jannar, 2014, l-intimati (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") saħqu li s-sentenza appellata jixraq tkun konfermata u li l-appell imressaq minnha jkun miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tat-22 ta' Jannar, 2019;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda dawk taż-żewġ Mandati kawtelatorji li fuqhom l-appellanti ressqu l-kawża tagħhom;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi din hija azzjoni ta' danni mġarrba minħabba l-ħruġ ta' Mandati kawtelatorji. L-appellanti jgħidu li l-Mandati nħarġu b'mod fieragħ u

sempliċement biex idejjaqhom u jippretendu li l-appellati jħallsuhom id-danni minħabba f'hekk;

9. Illi għal dik l-azzjoni, l-appellati laqgħu, fost l-oħrajn, billi qajmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi. Fil-mertu, ikkontestaw ukoll is-siwi tal-azzjoni billi qalu li l-Mandati nħarġu b'jedd li tagħtihom il-liġi biex iħarsu l-pretensjonijiet li kjellhom kontra l-appellanti u żewġha f'kawża miftuħa minn missierhom. Għalkemm l-appellati kienu qajmu l-preskrizzjoni kemm taħt l-artikolu 2153 u kif ukoll taħt l-artikolu 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili, huma kienu irrinunzjaw għall-imsemmija eċċezzjoni safejn tirrigwarda ż-żmien maħsub fl-artikolu 2156, u żammew sħiħa l-eċċezzjoni tagħhom dwar l-artikolu 2153 tal-Kodiċi;

10. Illi l-ewwel Qorti laqgħet dik l-eċċezzjoni u sabet li l-azzjoni tal-appellanti kienet waqgħet għaliex saret wara ż-żmien;

11. Illi din il-Qorti jidhrilha li, biex tqis sewwa l-appell imressaq quddiemha, jkun xieraq li tislet il-qafas kronoliġiku li fih ġraw l-episodji marbuta mal-kwestjoni mertu tal-każ. Fis-7 ta' Diċembru, 1983, missier l-appellanti Shires talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Impediment tas-Safar[1] kontra l-imsemmija appellanti u żewġha in kawtela ta' pretensjoni ta' ħamest elef Lira Maltin (Lm 5,000). Fil-21 ta' Diċembru, missier l-

[1] Rik. 1856/83, Dok "B", f'paġġ. 13 – 4 tal-proċess

appellanti fetaħ kawża kontra l-appellanti u żewġha. Fis-16 ta' Lulju, 1984, l-appellanti u żewġha ressqu b'Ċedola ta' Depositu[2] b'garanzija bankarja għas-somma indikata fil-Mandat mehmuża magħha[3]. Biex ingħatat l-imsemmija garanzija, l-appellanti u żewġha rahnu oġġetti ta' ħaġar u metall prezzjuż mal-Bank li kienu stmati li jiswew sebat elef mija u sitta u sittin Liri Maltin (Lm 7,166)[4]. Dakinhar li tressqet iċ-Ċedola, l-appellanti u żewġha talbu u kisbu l-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Impediment tas-Safar[5];

12. Illi fil-21 ta' Marzu, 1991[6], l-appellanti u żewġha interpellaw lill-appellati u lil ommhom b'ittra uffiċjali sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li ġarrbu minħabba l-ħruġ kontrihom tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar u l-ħruġ tal-garanzija bankarja. F'dak l-att ġudizzjarju, tissemma ittra uffiċjali oħra li l-appellanti u żewġha jgħidu li kienu bagħtu f'April tal-1989. Fil-21 ta' Lulju, 1999[7], l-appellanti u żewġha talbu lill-Qorti jitħallew jiżbankaw il-garanzija bankarja li kienu iddepożitaw biex seta' jinħareġ il-Kontro-Mandat. It-talba tagħhom intlaqgħet b'degriet tat-28 ta' Settembru, 1999[8]. Meta l-appellanti u żewġha talbu lill-Bank iroddilhom lura l-oġġetti mirhuna miegħu, l-oġġetti ma nstabux. Minflok,

[2] Dok "D1", f'paġ. 16 tal-proċess
[3] Dok "D2" f'paġ. 17 tal-proċess
[4] Dokti "E1" u "E2", f'paġġ. 21 – 2 tal-proċess
[5] Dok "D3", f'paġġ. 18 – 20 tal-proċess
[6] Dok "VB12", f'paġ. 163 tal-proċess
[7] Dok "VB10", f'paġ 158 tal-proċess
[8] Dok "MS1", f'paġ. 43 tal-proċess

il-Bank kien aċċetta li jagħti kumpens bil-ħlas ta' somma flus miftehma lill-appellanti u lil żewġha;

13. Illi fid-19 ta' Novembru, 1999[9], l-appellati talbu u kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-appellanti u żewġha għas-somma ta' ħamest elef Lira Maltin (Lm 5,000) u b'ħarsien tal-pretensjonijiet tal-kawża li kien fetaħ missierhom li, sadattant, kien miet f'Lulju tal-1984 u huma assumew l-atti tal-kawża minfloku bħala werrieta tiegħu. Meta nħareġ il-Mandat, il-Bank sekwestratarju bagħat jgħarraf li fil-kont tal-eżekutati intimati (l-miżżewġin Shires) kien hemm biss is-somma ta' sitt Liri Maltin u tletin ċenteżmi (Lm 6.30). Madankollu, minħabba li l-ftehim bejn il-miżżewġin Shires u l-istess Bank dwar il-kumpens fuq imsemmi ma kienx għadu ġie finalizzat (il-ftehim kien iffirmat fis-17 ta' Diċembru, 1999[10], meta ġew biex jitħallsu s-somma miftehma, il-Bank żamm is-somma ta' LM 5,073 minħabba l-Mandat ta' Sekwestru li kien laħaq inħareġ. Fl-14 ta' Diċembru, 1999[11], appellanti u żewġha kienu ressqu talba għat-tħassir tal-imsemmi Mandat, iżda l-Qorti ma laqgħethiex b'degriet mogħti fis-17 ta' Marzu, 2000. Is-sentenza fil-kawża miftuħa minn missier l-appellanti ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Marzu, 2005[12]. Minnha ma sarx appell. Fit-22 ta' April, 2005[13], l-appellanti (li sadattant kienet romlot) ġibdet il-bilanċ kollu li kien għad

---

[9] Rik. 5061/99 Dok "VB11", f'paġġ. 159 sa 161 tal-proċess
[10] Dok "MM4" f'paġġ. 169 – 170 tal-proċess
[11] Dok "MS3", f'paġġ. 45 – 6 tal-proċess
[12] Dok "A", f'paġġ. 6 sa 12 tal-proċess
[13] Dok "MM7", f'paġ. 173 tal-proċess

hemm miżmum fil-kont tagħha mal-Bank, ladarba l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru kienu ntemmu. Din il-kawża nfetħet fl-4 ta' Awwissu, 2005;

14. Illi l-**aggravju ewlieni** tal-appellanti mis-sentenza appellata ġej mill-fatt li huma ma jaqblux mal-ewwel Qorti dwar meta beda miexi ż-żmien biex huma setgħu jiftħu l-kawża tagħhom għad-danni minħabba l-Mandati maħruġa kontrihom. Filwaqt li jaqblu li ż-żmien preskrittiv jibda għaddej minn dakinhar li l-jedd ta' azzjoni jibda miexi[14], huma jisħqu li l-kawża tallum ma setgħux jiftħuha qabel ma ngħatat is-sentenza fil-kawża li nfetħet kontra tagħhom u meta għaddiet f'ġudikat;

15. Illi, min-naħa tagħhom, l-appellati jwarrbu dak l-argument u jgħidu li jekk tabilħaqq li l-appellanti kienu tal-fehma li l-Mandati kontrihom kienu nħarġu b'abbuż u b'mod fieragħ u biex jagħmlilhom ħsara, kien messhom mexxew mill-ewwel, ladarba d-danni ġarrbuhom minħabba l-istess Mandati u mhux minħabba l-kawża;

16. Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-azzjoni mibdija mill-appellanti hija dik maħsuba fl-artikolu 836(9) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalkemm din l-azzjoni hija miftuħa biss għal min ikun inħareġ kontrih Mandat kawtelatorju[15], jista' jingħad li l-bażi ta' azzjoni bħal dik hija t-tħaddim tal-prinċipju ġenerali tar-

[14] Art. 2137 tal-Kap 16
[15] Art. 836(1) tal-Kap 12

responsabbiltà għad-danni akwiljani[16]. Dak il-prinċipju jrid li kull min iġib ħsara lil kull ħaddieħor b'għemil jew b'nuqqas li għalih iwieġeb, irid jagħmel tajjeb għal dik il-ħsara[17]. Il-liġi ma tagħrafx jekk il-persuna mġarrba kinitx fil-ħsieb jew fil-mira tal-persuna li tkun għamilitilha dik il-ħsara[18]: il-kriterju huwa r-rabta bejn l-għemil u l-ħsara li dak l-għemil ikun ġab fuq il-persuna jew ħwejjiġha;

17. Illi fil-fehma tal-Qorti jekk għandu jgħodd xi żmien preskrittiv f'azzjoni bħal dik li għandha quddiemha llum, dan huwa ż-żmien ta' sentejn maħsub fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Minn daqshekk, l-ewwel Qorti ħaddmet id-dispożizzjoni t-tajba u, fis-sewwa, lanqas l-appellanti ma jgħidu li dak ma kienx iż-żmien utli li kellu jitqies biex ikejjel is-siwi tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-appellati. Jingħad ukoll li ż-żmien imsemmi huwa wieħed ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza;

18. Illi l-kwestjoni, għalhekk, tintrabat l-aspett tal-*punctum temporis*, jiġifieri maż-żmien meta l-appellanti setgħu jiftħu l-kawża tagħhom għad-danni kontra l-appellati. Kif ingħad, l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li l-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn meta l-azzjoni tkun setgħet issir bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha dik l-azzjoni tmiss. Il-ħarsien ta' din ir-regola hi waħda bażika, tant li jinsab mgħallem

[16] P.A. RCP **31.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Cammast Ltd vs Joseph E. Gauċi et*** (mhix appellata) u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Ltd. vs Dr. Lillian Calleja Cremona*** (mhix appellata)
[17] Art. 1031 tal-Kap 16
[18] Art. 1033 tal-Kap 16

illi l-impossibilità li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilità indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawża 'l barra minnu li huwa ma setax ineħħi[19];

19. Illi dan il-prinċipju jinbena fuq il-massima li *actione non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui é nato il diritto o l'azione che é destinata ad estinguere...*"[20]. U band'oħra jżidu jgħidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*"[21];

20. Illi hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita[22]. Min-naħa l-oħra, ladarba tkun stabbilita d-data li minnha 'l quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kenitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-

---

[19] App. Kumm. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard et noe vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.500**)
[20] cfr. <u>*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione*</u> (Cap XII, §364 , paġ. 279).
[21] *Op. cit.* §393-*bis*, paġ 306
[22] App. Ċiv **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiiet ***Quintano vs Giorgina Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)

Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, "*Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawża* ***Xuereb v Agius****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih". It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* ***Mohnani v. Stivala****, deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: "…….. jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" ("***Raphel Micallef -vs-Anthony Agius***", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("****Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo****", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar 1953")*[23]";

[23] App. Ċiv. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi Estates Ltd vs Frank Borda et***

21. Illi, minkejja dan, tibqa' dejjem tgħodd ir-regola li l-parti li tqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tippruvaha kif imiss u li, f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti;

22. Illi tajjeb jingħad ukoll l-jedd li wieħed jipproċedi għad-danni mġarrba minħabba l-ħruġ ta' Mandat ma jitnissilx – kif jgħidu l-appellanti – dejjem u bilfors hekk kif tinqata' l-kawża li dwar il-pretensjonijiet tagħha jkun inħareġ tali Mandat. Kif ingħad bosta drabi f'dan ir-rigward, il-fatt waħdu li persuna tkun bdiet proċedura (magħduda magħha l-ħruġ ta' Mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istħarriġ tal-Qorti, ma tiġix milqugħa, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull proċedura kienet saret b'abbuż tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti[24];

23. Illi, ġeneralment, l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha[25]. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju[26]. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi

[24] Kumm. **24.1.1895** fil-kawża fl-ismijiet ***Denaro vs Page noe*** (Kollez. Vol: **XV.34**) u P.A. JZM **8.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ vs Frans Borġ*** (mhix appellata)
[25] App. Ċiv. **10.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grima*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.24**)
[26] App. Ċiv. **26.1.1926** fil-kawża fl-ismijiet ***Mugliette vs Beżżina*** (Kollez.Vol: **XXVI.i.405**)

msemmija fl-artikolu 836(8), taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbiltà jrid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[27]. Huwa magħruf ukoll li Mandat kawtelatorju jinħareġ bir-responsabbiltà ta' min ikun talbu u jista' hekk jintalab bil-ħsieb li jqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha mingħajr ma huwa meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni[28];

24. Illi wara li għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet u qieset iċ-ċirkostanzi fattwali fil-qafas kronoloġiku fuq imsemmi, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-aggravju tal-appellanti mhuwiex tajjeb u l-azzjoni tagħhom tabilħaqq waqgħet biż-żmien preskrittiv li jgħodd għall-għamla ta' kawża tagħhom. Dan jingħad għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, fejn jirrigwarda l-Mandat ta' Impediment tas-Safar u l-garanzija maħruġa biex seta' jitneħħa, joħroġ ċar li l-appellanti kienu jafu li għandhom jedd biex imexxu għal xi danni li jgħidu li ġarrbu – fost l-ilmenti ewlenin kien hemm dik li żewġ l-appellanti kien tilef opportunità ta' xogħol barra minn Malta bi ħlas sostanzjali minħabba li ma setax jitlaq minn Malta – lil hinn minn x'kien se' jkun l-eżitu tal-kawża li l-Mandat inħareġ biex jikkawtela. Fit-tieni lok, dik l-għamla ta' Mandat tneħħiet mis-sistema proċedurali Malti fl-1995: minkejja dan, l-appellanti u żewġha ma ċċaqalqux qabel erba' (4) snin wara (u minn tal-anqas wara li kienu għaddew ħmistax-il sena minn mindu kisbu l-ħruġ tal-Kontro-Mandat relattiv) biex iġibu fix-xejn xi effetti

---

[27] P.A. TM **18.9.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

[28] Art. 829 tal-Kap 12

li seta' kien għad fadal b'riħet dak il-Mandat. Fit-tielet lok, mill-atti jidher li kemm fl-1989 u kif ukoll fl-1991, l-appellanti u żewġha kienu interpellaw lill-appellati b'ittra uffiċjali biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sewwasew minħabba l-ħruġ ta' dak il-Mandat. Dan jixhed li huma kienu jagħarfu li l-jedd tagħhom li jipproċedu għad-danni ma kienx jiddependi mill-eżitu tal-kawża miftuħa, imma mill-ġrajja tat-tiġrib tad-danni nfushom. Fir-raba' lok, filwaqt li dik l-ittra uffiċjali setgħet serviet biex tikser iż-żmien preskrittiv[29], ma ntweriex li wara l-1991, l-appellanti tennew dik il-proċedura u żammew ħaj iż-żmien li fih setgħu fetħu l-kawża;

25. Illi bl-istess mod, mill-atti tal-kawża, ma ħarġet l-ebda ħjiel ta' prova li l-appellati kienu b'xi mod jew irrinunzjaw għaż-żmien preskrittiv li kien miexi favurihom u wisq anqas li kien hemm xi raġuni oħra li setgħet issospendiet jew kisret il-mixja ta' dak iż-żmien. Lanqas ma nġabet xi prova min-naħa tal-appellanti li kienu miżmuma minn xi ċirkostanza jew raġuni partikolari milli jmexxu 'l quddiem l-azzjoni minħabba xiħaġa lil hinn mir-rieda tagħhom;

26. Illi dak li ngħad dwar il-Mandat ta' Impediment tas-Safar jista' jgħodd ukoll fil-biċċa l-kbira għall-Mandat l-ieħor kawtelatorju. Għalkemm dakinhar li nħareġ, il-Bank sekwestratarju iddikjara li fil-kont bankarju tal-appellanti u żewġha kien hemm biss ftit aktar minn sitt Liri Maltin (Lm 6)

[29] Art. 2128 tal-Kap 16

fil-kont, l-appellanti kienet taf li jekk tassew kienet qiegħda ġġarrab danni minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat, dan kien jagħtiha kull jedd li tipproċedi biex tfittex għad-danni. Għall-kuntrarju, meta hi u żewġha nedew il-proċeduri f'Diċembru tal-1999 biex jitolbu t-tħassir tal-Mandat, lanqas biss talbu l-impożizzjoni tal-penali fuq l-eżekutanti (minkejja li allegaw li l-Mandat kien inħareġ b'mod "malizzjuż, frivolu u vessatorju"). Hemmhekk kienu semmew ir-riżerva għad-drittijiet tagħhom taħt l-artikolu 836(9) tal-istess Kodiċi ta' Proċedura. Dan ukoll, fil-fehma tal-Qorti, juri li l-appellanti u żewġha kienu jafu bil-jedd tagħhom li jmexxu għad-danni u dan sa minn bosta snin qabel ma nqatgħet il-kawża. Fir-rigward ta' dan il-Mandat kawtelatorju, mbagħad, ma ntweriex li l-appellanti u żewġha kienu mexxew kontra l-appellati bil-ħruġ ta' ittra ġudizzjarja bħalma kienu għamlu fil-każ tal-Mandat l-ieħor. Dan il-fatt ifisser li l-appellanti u żewġha lanqas ittantaw iwaqqfu jew jiksru ż-żmien preskrittiv li kien miexi kontrihom biex ifittxu għal xi dannu mġarrab minnhom minħabba dak il-Mandat;

27. Illi għalhekk, dan kollu juri li meta l-appellanti fetħu l-kawża tallum, kien ilu li għadda ż-żmien meta messhom fetħuha u għalhekk is-sentenza appellata kienet waħda mistħoqqa;

28. Illi fid-dawl ta' din il-konklużjoni, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ xi aspetti fil-mertu tal-aggravju tal-appellanti, ladarba dawn jippreżumu li l-azzjoni tagħhom trid tkun inbdiet f'waqtha;

***Decide:***

29. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** tal-appellanti u tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Diċembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm